MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 1007/2006

**Christian u Melvina konjugi D'Agostino bhala kuraturi ad litem ta' binhom minuri Dejan D'Agostino**

**vs**

**It-Tabib Ewlieni tal-Gvern**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Christian u Melvina konjugi D'Agostino bhala kuraturi ad litem ta' binhom minuri Dejan D'Agostino, li permezz tieghu, wara li ppremettew illi:

Fis-sebgha u ghoxrin ta' Dicembru fis-sena elfejn u erbgha (27/12/2004) twieled il-minuri Dejan D'Agostino, gewwa l-Isptar San Luqa;

Peress li Dejan D'Agostino twieled prematur, kellu bzonn jinzamm taht osservazzjoni u utilizza l-magna tal-

ventilazzjoni stante li kellu bzonn CACP (continuous positive airway pressure);

Minhabba jew difett fil-magna tal-ventilazzjoni u/jew minhabba traskuragni, negligenza da parti tal-konvenuti jew impjegati tal-konvenut li kienu qed joperaw il-magna tal-ventilazzjoni fis-27 ta’ Dicembru 2004 fuq il-minuri Dejan D’Agostino, l-istess minuri sofra hruq f’imnifsejh;

Minhabba n-nuqqas tal-konvenut, il-minuri Dejan D’Agostino sofra griehi personali li rrizultaw f’dizabilta’ permanenti;

Il-konvenut gie interpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni tad-danni u sabiex jidentifika l-operatur tal-magna tal-ventilazzjoni, izda l-konvenut baqa’ inadempjenti.

Talbu r-rikorrenti jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara li l-incident li sehh fis-27 ta’ Dicembru 2004 gewwa l-Isptar San Luqa waqt li Dejan D’Agostino kien qieghed jinzamm taht osservazzjoni u fuq il-magna tal-ventilazzjoni sehh unikament tort tal-konvenut u dan minhabba imperizja, negligenza u/jew minhabba l-fatt li l-magna tal-ventilazzjoni kienet difettuza;

Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi a kawza ta’ dan l-incident okkorrendo bin-nomina ta’ periti;

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 3381/06 maghmula ai termini tal-Artikolu 460(1) tal-Kodici Civili, kontra l-konvenut li huwa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Tabib Ewlieni tal-Gvern, li in forza taghha eccepixxa illi:

Huwa minnu illi l-minuri Dejan D'Agostino sofra hruq f'imnifsejh kagun ta' "malfunction" fil-magna ta' ventilazzjoni fis-27 ta' Dicembru 2004;

Izda ma hux minnu illi dan kollu gara kagun ta' negligenza jew traskuragni da parti tal-konvenut jew impjegati tieghu;

Lanqas ma huwa minnu li l-istess incident ikkawza danni permanenti;

Kwalsiasi kura u trattament li qed jinghata lil dan il-minuri huwa kollu kemm hu a karigu tal-konvenut stante li dan tal-ahhar qed jaghmel tajjeb finanzjarjament ghall-ispiza kollha medika, naxxenti minn dan l-incident sfortunat.

Ghaldaqstant, l-esponent, in vista tal-premess, umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi huwa ma hux responsabbli ghall-incident de quo stante li ma sehhx tort tieghu, u ghalhekk ma hux responsabbli ghad-danni reklamati.

Semghet xhieda viva voce.

Rat ir-rapport tal-Professur Victor Grech, pedjatra, minn din il-Qorti inkarigat biex jirrelata dwar il-minuri minnu kkonfermat bil-gurament.

Rat ir-rapport ta' Mr. Adrian Agius u Mr. Ray Debono, kirurgi, minnha nkarigati u mill-istess kirurgi kkonfermat bil-gurament.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti genituri tal-minuri qeghdin jitolbu lill-Qorti tiddikjara lit-Tabib Principali tal-Gvern responsabbli ghal danni sofferti meta, bhala tarbija tat-twelid, binhom sofra hruq f'imnifsejh minn magna fl-isptar li tpogga fuqha biex jiehu

nifs ahjar. L-intimat, ghalkemm jaqbel dwar dak li gara, isostni li hu ma kellu ebda nuqqas u, inoltre, il-minuri ma sofriex danni permanenti.

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza mhumiex kontestati. Jirrizulta illi Dejan D'Agostino, tewmi, twieled fl-Isptar San Luqa fis-27 ta' Dicembru 2004. It-twelid tat-tewmin kien prematur u sar permezz ta' operazzjoni cesarja. Minhabba l-prematurita', Dejan D'Agostino tpogga fuq magna maghrufa bhala CPAP (continuous positive airway pressure) li taghti ossignu lit-tarbija fl-imnifsejn permezz ta' tubi rqaq li jiddahhlu fl-imnifsejn. Gara illi, ftit wara li ddahhlu dawn it-tubi f'imnifsejn it-tarbija, dawn sahnu aktar milli suppost u kkawzaw hruq f'imnifsejn it-tarbija. Meta l-infirmiera ndunat x'kien qed jigri, inbidlet il-magna. Madanakollu, imnifsejn it-tarbija kienu diga' nharqu. Minkejja diversi interventi, kemm Malta kif ukoll barra minn Malta, imnifsejn it-tarbija baqghu problematici u gieli kkawzaw diffikulta' fin-nifs. Jirrizulta illi l-mod kif setghu jibqghu miftuhin l-imnifsejn kien permezz tal-inserzjoni ta' "stents".

Qabel ma tmur oltre, jinkombi fuq din il-Qorti tistabilixxi n-natura tar-relazzjoni ezistenti bejn il-partijiet f'din il-kawza. Ghalkemm ghal hafna snin dawn il-Qrati, fl-assenza ta' regime legali specifiku, sitwazzjonijiet simili gew mistharrga taht il-lenti ta' kwazi delitt, il-pronunzjamenti aktar recenti jtendu ghal sitwazzjoni ta' relazzjoni kuntrattwali. Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghall-kawzi "Gauci vs Felice" (deciza fil-31 ta' Ottubru 2008) u aktar recenti "Ebejer vs Vella" (deciza fit-30 ta' April 2013), li, ghalkemm principalment jitrattaw ir-relazzjoni bejn pazjent u tabib, din il-Qorti tqis li jghoddu wkoll ghal relazzjoni ta' bejn pazjent u sptar.

"*Ghalkemm, kif inghad, il-posizzjoni hawn Malta giet ezaminata fil-kuntest tar-regoli ta' kwazi delitt, din il-Qorti hija tal-fehma li jkun aktar logiku li r-relazzjoni bejn pazjent u tabib tigi ezaminata fil-kuntest ta' kuntratt. Hu veru li kuntratt jehtieg il-kunsens ta' zewg partijiet, izda hu veru ukoll li dan il-kunsens jista jkun tacitu, u anki implicitu, basta tkun tezisti l-volonta fil-partijiet li jassumu l-*

*obbligazzjonijiet fil-konfront ta' xulxin. Meta pazjent jersaq lejn tabib anke jekk dan it-tabib ikun imhallas mill-Gvern biex ikun ghas-servizz tal-poplu, dak il-pazjent ikun qed ipoggi l-bzonnijiet tieghu f'idejn dak it-tabib u meta t-tabib jaccetta li jaghti s-servizz tieghu, ikun qed jintrabat fil-konfront ta ' dak il-pazjent - li jaqdi d-doveri tieghu skond l-ahjar hila tieghu. Jista jinghad li tabib impjegat mal-Gvern majistax jirrifjuta li jaqdi pazjent, pero jekk hu hekk, l-ghazla jkun ghamilha meta mpjega ruhu mal-Gvern, u inoltre, tabib, allavolja impjegat, jibqa professjonist u jekk ikun rinfaccjat b'kaz li mhux tal-hila tieghu, ghandu obbligu jghaddi l-kaz lit-tabib aktar kompetenti minnu f'dik il-materja, u dan l-istess bhal kull tabib privat. Meta tabib, avolja impjegat, jaccetta li jikkura pazjent, jidhol f'relazzjoni diretta mieghu, relazzjoni kuntrattwali li tista twassal ghall-hlas tad-danni f'kaz ta' inadempjenza*" ("Rose Gauci et vs Mr Donald Felice et", App. Civ. 31/10/2008).

Minn dan isegwi ghalhekk li kif irriteniet il-Qorti ricentement:

"*Fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni nascenti mir-responsabbilta' kontrattwali l-attur ghandu jipprova li huwa kellu favur tieghu dik l-obbligazzjoni kuntrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-ezekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni fil-konfront tal-istess attur. F'din it-tip ta' azzjoni huwa l-konvenut li ghandu oneru ta' prova iktar difficli impost fuqu, stante li l-konvenut ghandu jiggustifika l-inadempjenza kontrattwali tieghu u jipprova li tali inadempjenza se mai irrizultat minhabba fattur fuq liema ma kellux kontroll*" ("Maggur Alfred Briffa et vs The Golden Shepherd Group Limited et", deciza fil-31 ta' Ottubru 2013).

Sentenzi pjuttost ricenti tal-Corte di Cassazione Taljana infatti jirreferu ghar-relazzjoni bejn pazjent u sptar bhala kuntratt atipiku li qed jigi msejjah "contratto di spedalita", fejn il-prestazzjoni mistennija, minbarra dik principali tal-kura medika per se', tinkludi wkoll fl-obbligazzjoni, il-provvista effettiva ta' impjegati mharrga, medicinali,

attrezzature u sistemi adegwati ta' kura (ara Cassazione Nru. 8826/2007; 577/2008 u 1620/2012).

Huwa mbaghad f'dan l-isfond illi l-Qorti tiskrutinja l-provi prodotti u l-onere rispettiv fuq il-partijiet.

Sabiex jirnexxu fit-talbiet, ir-rikorrenti f'din il-kawza kellhom jippruvaw ghas-sodisfazzjon tal-Qorti zewgt ihwejjeg – cioe' l-ezistenza tal-kuntratt u l-hsara. Din il-Qorti tqis li meta l-lorituri tat-tarbija rrikorrew lejn l-isptar biex jiehdu l-kura medika mehtiega, imbaghad gew milqugha mill-istess sptar li accetta li jipprovdi s-servizz, giet perfezzjonata bejn iz-zewg nahat relazzjoni kontrattwali bl-obbligi kollha li din gabet maghha. Kif irriteniet il-Corte di Cassazione fil-fuq citata decizjoni tal-11 ta' Jannar 2008 (n. 577), il-pazjent, f'cirkostanzi bhal dawn "deve limitarsi a provare il contratto (o il contatto sociale) e l'aggravamento della patologia o l'insorgenza di un'affezione ed allegare l'inadempimento del debitore, astrattamente idoneo a provocare il danno lamentato".

Il-Qorti hija wkoll sodisfatta li danni fil-fatt gew subiti wara dak li l-isptar sejjah "malfunction" tal-magna CPAP. It-tarbija soffriet hruq fi mnifsejha u dan gie ammess mill-istess intimat. Gie certifikat ukoll mill-esperti medici mahtura minn din il-Qorti li kkonkludew illi:

"*His nostrils were stenosed (photograph enclosed, document A), although there is a partial airway. Since external skin grafts were used to replace the normal moist inner lining of the nose, he is now developing dry crusts on the inside which block up his nose, and need to be moistened and cleaned regularly. He has a scar behind the right ear where the skin grafts were taken (photograph B). Further surgical interventions may be necessary to improve nostril size as his nose grows.*

*His functional permanent disability with respect to breathing, accordiong to the guidelines in the Amendments to the assessments for Civil Damages (Ministry for Justice and Home Affairs, 2010) is estimated*

*at 3%. His cosmetic impairment to a prominent area of his face is rather significant and is estimated at 10%.*

*Therefore together, we both find a global permanent disability of thirteen per cent (**13%**).*"

Ir-rikorrenti allegaw ukoll illi t-tarbija soffriet ukoll hsara fil-mohh minhabba episodji ta' nuqqas ta' ossignu kawzati mid-djuq fl-imnifsejn. Dan pero' ma giex pruvat. Ghalkemm fil-fatt jirrizulta li kien hemm episodji ta' nuqqas ta' ossignu, ma jirrizultax li dawn kienu kawza tal-problemi mentali li ghandu t-tifel. F'dan il-kuntest, il-Qorti tistrieh fuq ir-rizultanzi tal-Profs. Victor Grech, pedjatra minnha nkarigat li kkonferma li x-xorta ta' awtizmu li minnha jbati t-tifel ma hija bl-ebda mod relatata mal-problemi li sofra ghaliex hija genetika, tant illi anke t-tewmi l-iehor ibati minnha ghalkemm fi grad divers.

Finalment, ghalhekk, jibqa' l-evalwazzjoni tal-provi fid-dawl tal-obbligi assunti mill-intimat. It-Tabib Ewlieni tal-Gvern, bhala inkarigat mill-isptar ewlieni ta' Malta ghandu obbligi cari fil-konfront tal-pazjenti minnu accettati. Ghandu, kif inghad aktar 'il fuq, l-obbligu li jipprovdi impjegati tajba u attrezzi tajba fost affarijiet ohra.

Huwa jsemmi li l-magna kellha "malfunction" u donnu jekwivali dan ghal xi forza magguri li ma kellux kontroll fuqha.

Fil-kaz in kwistjoni, il-magna minnu provduta CPAP, ikkawzat hsara. Fid-dawl tar-relazzjoni kuntrattwali tieghu mal-pazjent, huwa jista' jezonera ruhu minn kull responsabilta' jekk jipprova li huwa ma kellu ebda kontroll fuq l-akkadut. Din il-Qorti tqis li l-piz ghalhekk inxtehet fuqu biex jipprova li huwa dejjem ghamel minn kollox biex jipprovdi magna sigura u effettiva. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan l-oneru ma giex sodisfatt u dan ghas-segwenti ragunijiet.

Ma ngabet ebda prova tal-manutenzjoni kontinwa tal-magna. Wiehed kien jistenna l-apparat ta' din l-importanza jkollu service record dettaljat u registrat, b'hekk

accessibbli f'kaz ta' bzonn. L-intimat ma ppruvax li dejjem ha hsieb tal-magna bhala "bonus paterfamilias".

Lanqas ma pprova x'irrizulta mill-magna wara l-incident biex b'hekk wiehed jasal ghall-evalwazzjoni tal-istat tal-magna qabel l-incident. Ghalkemm il-Prof. Attard Montalto jsemmi illi:

"*Ir-responsabilta' tal-manutenzjoni tal-magni tal-isptar hija f'idejn it-technicians tal-ITU u l-magni tal-ispecial care unit ukoll jigu taht l-istess technicians tal-ITU.*"

Hadd mit-technicians ma tressaq jixhed. Anzi tressqet tixhed persuna wahda li ma kellha x'taqsam xejn mas-sitwazzjoni.

L-intimat ma gab ebda prova dwar xi protocol jew kif maghruf ahjar, "standard operating procedure" li jintuza meta pazjent jigi bzonn tal-magni. Fil-fehma tal-Qorti, dan jassumi rilevanza meta wiehed isib certa divergenza fil-provi dwar meta gie skopert id-difett fil-magna. Il-Prof. S. Attard Montalto jixhed (fol. 32) li l-ewwel informazzjoni li kellu kienet li t-tubi thassew aktar shan mis-soltu "meta kien qed jigi mpoggi fuq il-magna". L-istess Prof. fl-ittra lis-Senior Technical Officer (fol. 38) imsemmi "some time later not exceeding 1 – 2 minutes the NCPAP plastic tubing was noted to be extremely hot". Il-"case summary" imsemmi "within minutes". Jirrizulta wkoll li ma tinzamm ebda record ta' kif u meta jintlew bl-ilma, dan meta huwa allegat li wahda mill-kawzi possibbli setghet kienet nuqqas ta' ilma fil-magna.

Ghar-rigward taz-zmien li damu t-tubi shan f'imnifsejn it-tarbija, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li dawn ma setghux thassew shan "hu u jitpogga fuq il-magna" kif semma l-Professur Attard Montalto ghaliex kieku ma thallewx hemm ghal hin twil bizzejjed biex jigi kawzat hruq konsiderevoli.

Prof. Attard Montalto jixhed illi (fol. 33), il-persuni addetti mill-manutenzjoni rrappurtaw li ma sabu ebda difett fil-magna. Il-Qorti tistaghgeb kif rapport bhal dan ma gie qatt

esebit. Il-Qorti ghandha d-dubji taghha jekk fil-fatt ezistiex dan ir-rapport, u dan ghaliex anqas minn xahrejn wara l-incident, f'ittra lis-Senior Technical Officer (li qatt ma xehed), l-istess Prof. Attard Montalto jghid illi:

"*The equipment (humidifier) in question was immediately sent for review/service the next day but, I believe, was found to be functioning normally. Nevertheless I am very concerned that we are still unable to explain why the height temperature setting was generated without any alarms being triggered off. Given the significant injuries sustained by the infant in question, I am extremely unhappy to re-commission this machine and wonder whether (1) the parent company have had any similar experiences, and (2) can assess the equipment themselves for any faults.*"

Jidher li l-Prof. S. Attard Montalto kien ghadu ma serrahx rasu dwar li gara. Fin-nuqqas ta' provi konkreti li l-intimat dejjem ha hsieb il-magna b'mod sodisfacenti, tenut kont li din hija magna li fuqha tiddependi l-hajja ta' tarbija prematura ta' vulnerabilita' estrema, din il-Qorti tikkonkludi li l-intimat ma jistax issa jehles mir-responsabilta' ghal dak li gara.

<u>Danni</u>

Stabbilita ghalhekk ir-responsabilta' tal-intimat ghall-akkadut, jibqa' ghall-Qorti l-likwidazzjoni tad-danni subiti. L-intimat f'dan il-kuntest isostni li, peress illi l-minuri jsofri minn "autistic spectrum disorder", il-possibilta' ta' hajja lavorattiva futura. Il-Qorti tiskarta dan l-argument, dan ghal zewg ragunijiet principali. L-ewwel tirrigwarda l-grad ta' awtizmu. Kif risaput, l-awtizmu jikkomprendi spettru shih ta' kundizzjonijiet li jevolvu fl-izvilupp tal-persuna li tbati minnu. Ma jistax jinghad, kif fil-fatt ebda espert ma qal, f'liema livell ta' awtizmu ser ikun qieghed Dejan D'Agostino meta jikber. Ghalhekk, il-Qorti ma tistax teskludi, kif donnu qieghed jaghmel l-intimat, li dan qatt jista' jimpjega ruhu.

It-tieni raguni li ghaliha l-Qorti ma taqbilx mat-tezi tar-rikorrenti tirrigwarda l-atteggjament tas-socjeta' moderna fil-konfront ta' persuna b'dizabilta'. Aktar ma jghaddi z-zmien aktar tizviluppa l-politika tal-inkluzjoni ta' dawn il-persuni f'kull aspett tal-hajja socjali inkluz dak tax-xoghol. Jezistu sistemi ta' impjieg "sheltered" u l-Qorti tifhem li s-sitwazzjoni ser tizviluppa aktar sa ma jikber il-minuri. Inoltre, huwa risaput ukoll illi jezistu certi natura ta' impjiegi fejn persuni awtistici isibu sodisfazzjon.

L-esperti medici f'din il-kawza stabbilew grad ta' dizabilta' permanenti ta' 13%. Ma ngabet lil din il-Qorti ebda raguni biex tiskarta dan il-grad. Lanqas ma ntalbet il-hatra ta' periti addizzjonali. Ghal dak li huwa qliegh futur, il-Qorti ser taddotta l-paga minima li maghha ser izzid 12% peress illi l-imgarrab ghadu ta' eta' zghira. Ghal din ir-raguni wkoll, il-Qorti qed taddotta multiplier ta' 40 sena (ara "Mercieca vs Zerafa" deciza fit-30 ta' Gunju 2008). Peress illi ghaddew disa' snin mill-incident, mhuwiex ser isir tnaqqis ghar-raguni li qed isir "lump sum payment".

Ghalhekk, €9,445.95 x 13% x 40
Total: €49,118.94

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat Tabib Ewlieni tal-Gvern, tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-incident li sehh fl-Isptar San Luqa fis-27 ta' Dicembru 2004 sehh unikament htija tal-intimat; tilqa' t-tieni talba u tillikwida d-danni fl-ammont ta' disgha u erbghin elf, mija u tmintax-il ewro u erbgha u disghin centezmu (€49,118.94); tikkundanna lit-Tabib Ewlieni tal-Gvern ihallas lil Christian u Melvina D'Agostino s-somma ta' disgha u erbghin elf, mija u tmintax-il ewro u erbgha u disghin centezmu (€49,118.94), bl-ispejjez kif mitluba.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mit-Tabib Ewlieni tal-Gvern.

IMHALLEF

DEP/REG

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------